



Brussell, 31 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5512/20

EDUC 15

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Tħejjija tad-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Kunsill EYCS (Edukazzjoni) tal-20 ta' Frar 2020 dwar "Iċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ – forza li tixpruna ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni" – Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni mehmuż, li qed jiġi ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fl-20 ta' Frar 2020.

Iċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ – forza li tixpruna ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza

Il-mobbiltà għat-tagħlim u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, kif ukoll il-moviment transnazzjonali taċ-ċittadini, għandhom ħafna benefiċċji bħall-iżvilupp ta' ħiliet ġeneriċi, transversali, interkulturali u lingwistiċi, impjegabbiltà ogħla, fehim aħjar tal-identità personali proprja, tkabbir u maturità personali u l-iżvilupp tal-identità u l-valuri Ewropej. "Il-mobbiltà għat-tagħlim hija assoċjata ma' mobbiltà futura, qligħ ogħla, u qgħad aktar baxx. Tikkorrelata wkoll ma' fehim reċiproku, ftuħ u ħiliet ta' ċittadinanza mtejbja"¹. Barra minn hekk, iċ-ċirkolazzjoni u t-tixrid liberi ta' għarfien u ideat madwar l-UE huma ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-ekonomija u tas-soċjetà, kif ukoll isaħħu l-integrazzjoni Ewropea u jżommu ħaġ l-ispirtu Ewropew.

Ċirkolazzjoni bbilanċjata tal-imħuħ tinftehem bħala l-possibbiltà li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jużaw ħiliet, għarfien u forom oħra ta' esperjenza miksuba mill-migranti tagħhom u mill-membri tad-dijaspora tagħhom². Hija prekondizzjoni għall-iżvilupp ibbilanċjat u l-koeżjoni ta' reġjuni u pajjiżi differenti tal-UE u għalhekk tal-Unjoni nnifisha.

L-iżbilanċi fil-fluss ta' mħuħ, il-migrazzjoni f'direzzjoni waħda ta' persuni b'livelli ta' ħiliet li jvarjaw minn livell baxx sa għoli madwar l-Ewropa jistgħu, min-naħa l-oħra, jikkawżaw telf kbir ta' kapital uman f'forma ta' ħela ta' mħuħ jew ta' eżodu ta' mħuħ³. Dawn il-fenomeni huma l-konsegwenza possibbli ta' għadd ta' fatturi, b'mod partikolari d-disparitajiet soċjali u ekonomiċi madwar l-UE, u l-kawża tad-depopolazzjoni ta' xi reġjuni jew pajjiżi u b'taħlita inugwali ta' livelli ta' ħiliet madwar l-Ewropa. Fuq medda twila ta' żmien, tali disparitajiet jistgħu jipperikolaw il-koeżjoni u joħolqu riskju għas-sostenibbiltà fit-tul tal-proġett Ewropew⁴.

¹ Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2019. Kummissjoni Ewropea (2019)

² Glossarju tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni. Sors: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network/glossary_search/brain-circulation_en

³ Il-*ħela ta' mħuħ* huwa n-nuqqas ta' rikonossiment tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba minn migranti barra mill-UE, li ma jħallihomx jużaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom. L-*eżodu ta' mħuħ* huwa t-telf imġarrab minn pajjiż minħabba l-emigrazzjoni ta' persuni bi kwalifiki għolja. Glossarju tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni. Sors: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network/glossary_search/brain-circulation_en

⁴ L-eżodu tal-imħuħ fl-UE: nindirizzaw l-isfida fil-livelli kollha, Emil Boc, Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, Abbozz ta' opinjoni għall-138 sessjoni plenarja (2020)

Il-kompetizzjoni dejjem tikber għal persuni b'ħiliet għolja hija marbuta ma' rata sinifikanti ta' emigrazzjoni minn ċerti pajjiżi jew reġjuni għal oħrajn. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi, il-potenzjal tas-suq tax-xogħol u l-perċezzjoni dwar il-kwalità tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni huma fost il-fatturi li jattiraw talenti barranin, inkluż studenti, gradwati, riċerkaturi u professjonisti żgħażaġh. "Il-mobbiltà dieħla ta' studenti⁵ hija waħda mill-aktar mezzi importanti li jixprunaw il-migrazzjoni tat-talent globali. Għandha benefiċċji potenzjali sinifikanti għall-pajjiżi ta' destinazzjoni, f'termini tal-istokk ta' kapital uman disponibbli."⁶ Ċerti sistemi u pajjiżi huma aktar attraenti minn oħrajn, minħabba diversi raġunijiet relatati mal-kundizzjonijiet ekonomiċi, tas-suq tax-xogħol, soċjali u tal-għajxien generali⁷. Ix-xejra ġenerali tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-UE wriet li 98 % tal-ħaddiema mobbli⁸ jgħixu fl-UE-15 u l-pajjiżi tal-EFTA u 2 % biss fil-pajjiżi tal-UE-13⁹. Ċifri aktar reċenti juru li 74 % tal-persuni tal-UE-28 li jiċċaqalqu huma ospitati mill-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Italja, Franza u Spanja. Barra minn hekk, l-istatistika turi li dawk li ċċaqalqu riċentement għandhom livell ta' edukazzjoni ogħla miċ-ċittadini tal-pajjiż ospitanti¹⁰.

⁵ Il-fenomeni huwa ferm aktar qawwi għall-mobbiltà għal lawrji milli għal mobbiltà tal-krediti, bħal pereżempju taħt Erasmus+.

⁶ Minħabba n-nuqqas jew l-inkompletezza ta' data dwar il-mobbiltà dieħla għal lawrji lejn xi Stati Membri destinatari, il-kalkolu ta' dan il-parametru referenzjarju għadu sottovalutat. Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2019. Kummissjoni Ewropea (2019)

⁷ Skont l-OECD, l-*Indikaturi tal-Attrawenza tat-Talent* ikejlu seba' dimensjonijiet: il-kwalità tal-opportunitajiet; id-dħul u t-taxxa; prospettivi futuri; l-ambjent għall-familji; l-ambjent għall-ħiliet; l-inklużività; u l-kwalità tal-ħajja. Dan l-indikatur jgħor il-kapaċità ta' pajjiż li jattira u jżomm tliet kategoriji speċifiċi ta' migranti ta' talent: ħaddiema bi kwalifiki għolja (dawk b'lawrji ta' master u dottorati), studenti universitarji u imprendituri barranin.

OECD.

Dibattiti dwar il-Politika dwar il-Migrazzjoni (2019)

⁸ Fir-Rapporti Annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Mobbiltà tal-Forza tax-Xogħol Intra-UE, *il-ħaddiema mobbli* huma definiti bħala ċittadini attivi tal-UE-28 li jgħixu fi Stat Membru jew f'pajjiż tal-EFTA li mhux il-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom.

⁹ Rapport Annwali tal-2016 dwar il-Mobbiltà tal-Forza tax-Xogħol Intra-UE. Kummissjoni Ewropea (2017)

¹⁰ Rapport Annwali tal-2017 dwar il-Mobbiltà tal-Forza tax-Xogħol Intra-UE. Kummissjoni Ewropea (2018)

Barra minn hekk, skont studju reċenti dwar il-moviment ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati¹¹, tali żbilanċi fil-fluss ta' mħuħ juru li l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ mill-pajjiżi ta' oriġini jappoġġaw is-suq tax-xogħol u l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi ta' destinazzjoni filwaqt li, fl-istess ħin, il-kapital uman jista' jonqos fil-pajjiżi ta' oriġini meta l-bqija tal-popolazzjoni jkollha kompożizzjoni ta' ħiliet aktar baxxa minn dik ta' dawk li jtilqu¹². Il-konsegwenzi għall-pajjiżi ta' oriġini jinkludu t-telf ta' redditu fuq l-investiment pubbliku fl-edukazzjoni, in-nuqqas ta' ħaddiema u l-eżodu tal-imħuħ¹³.

Madankollu, il-migrazzjoni lura (ir-ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini) tista' ġġib gwadanji pożittivi għall-pajjiżi ta' oriġini u dawn huma assoċjati ma' rimessi¹⁴, ħolqien ta' networks li jiffaċilitaw il-kummerċ, flussi tal-kapital u tixrid ta' għarfien, trasferiment ta' ħiliet u know-how¹⁵, investiment u għarfien espert mill-migranti lura lejn il-pajjiż ta' oriġini¹⁶ u għarfien ġdid miksub minn persuni li ċċaqalqu lura li jgħinhom irawmu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni¹⁷. Għalhekk huwa essenzjali li l-akkwist ta' aktar ħiliet (miksuba barra mill-pajjiż) ikun jista' jibbenefika lill-pajjiżi ta' oriġini meta dawk li jiċċaqalqu jirritornaw fihom. Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet jistgħu jsostnu dan il-proċess.

Biex isostnu l-effetti pożittivi ta' ċirkolazzjoni tal-imħuħ, dawk li jfasslu l-politika għandhom ir-responsabbiltà li jgħidli miżuri u politiki li jappoġġaw flussi migratorji bbilanċjati, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ekonomija u tas-soċjetà b'mod ġenerali, itejbu d-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u jrawmu l-integrazzjoni u l-koeżjoni Ewropej. Dawn l-iżviluppi ta' politika jeħtieġ li jiġu appoġġati minn bażi ta' evidenza soda, billi jiġu żviluppanti sistemi ta' traċċar komprensivi għal gradwati terzjarji u tal-ETV fil-livell nazzjonali, u billi tittejjeb id-disponibbiltà ta' data komparabbli tal-UE biex ikunu jistgħu jsiru analiżijiet komparattivi aktar fil-fond tal-eżiti għall-gradwati. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-politiki ta' suċċess jikkontribwixxu għal diskussjoni u fehim usa' tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-moviment liberu¹⁸.

-
- ¹¹ Studju mwettaq fil-kuntest tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa. Kummissjoni Ewropea. Sors: <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&langId=mt>
- ¹² Studju dwar il-moviment ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Kummissjoni Ewropea. ICF (2018)
- ¹³ Hasselbalch, Jacob. The European Politics of Brain Drain: A Fast or Slow-Burning Crisis? Centre for the Study of Globalisation and Regionalisation (2017)
- ¹⁴ Albert Bollard, David McKenzie, Melanie Morten, Hillel Rapoport. Remittances and the Brain Drain Revisited: The Microdata Show That More Educated Migrants Remit More (2009)
- ¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp (2005)
- ¹⁶ Gibson, McKenzie: Eight Questions about Brain Drain. Il-Bank Dinji (2011)
- ¹⁷ Studju dwar il-moviment ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, Kummissjoni Ewropea. ICF (2018)
- ¹⁸ Studju dwar il-moviment ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Kummissjoni Ewropea. ICF (2018)

F'dak is-sens, żieda fl-investimenti strateġiċi fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' strumenti u allokkazzjonijiet xierqa taħt il-fondi u l-programmi Ewropej u nazzjonali, jistgħu jżidu l-kwalità u l-attraenza tal-edukazzjoni, joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għar-riċerka u konsegwentement jattiraw u jżommu aktar talent. B'mod partikolari, il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni huma għodod ewlenin immirati lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali fid-dħul, il-ġid u l-opportunitajiet. Barra minn hekk, "żewġ objettivi ewlenin tal-Ewropa 2020 - iż-żieda fil-perċentwal ta' persuni impjegati u t-titjib tal-inklużjoni soċjali - huma direttament rilevanti għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli li jnaqqsu l-eżodu ta' mħuħ"¹⁹.

Huwa importanti li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet tal-ibbilanċjar tal-mobbiltà transnazzjonali u l-fluss tal-imħuħ madwar l-UE permezz tal-ħolqien ta' miżuri li ser jikkontribwixxu għal żvilupp aktar uniformi tas-sistemi tal-edukazzjoni u r-riċerka, tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, kif ukoll miżuri li jipprevjenu l-ħela tal-imħuħ, filwaqt li tiġi żviluppata u titrawwem iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Il-programm Erasmus+ u s-suċċessur tiegħu għandhom l-għan li jstimulaw iċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u l-mobbiltà bbilanċjata²⁰. Barra minn hekk, l-inizjattiva ewlenija tiegħu, l-Universitajiet Ewropej, bil-bilanċ ġeografiku wiesa' tagħha, ser tikkontribwixxi għal mobbiltà aktar bilanċjata (fiżika, imħallta jew virtwali) u tista' isservi ta' mudell għat-trasformazzjoni strutturali, sistemika u sostenibbli tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-universitajiet tal-futur.

¹⁹ L-eżodu tal-imħuħ fl-UE: nindirizzaw l-isfida fil-livelli kollha, Emil Boc, Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, Abbozz ta' opinjoni għall-138 sessjoni plenarja, 11 u 12 ta' Frar 2020

²⁰ Ir-Rapport Annwali Erasmus+ 2017 jipprovdi analiżi tax-xejriet ta' mobbiltà Erasmus+ fil-livell Ewropew li tiżvela li l-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal fl-Ewropa hija pjuttost ibbilanċjata, għalkemm b'varjazzjonijiet f'xi pajjiżi.

Filwaqt li jirrikonoxxu l-edukazzjoni u l-kultura bħala "kruċjali għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi, u biex isostnu l-kompetittività tagħna"²¹, u b'kont meħud tal-passi meħuda reċentement għall-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni²², il-ministri huma mistiedna jirriflettu dwar is-suġġett taċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ bħala forza li tixpruna ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-mistoqsijiet li ġejjin.

1. Liema taħlita ta' politiki hija meħtieġa biex tiġi żgurata ċirkolazzjoni bbilanċjata tal-imħuħ fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u kif jistgħu l-atturi rilevanti fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali jiġu mobilizzati biex jintlaħaq dan l-għan?
2. X'jista' jsir fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew biex jiġi appoġġat aktar il-potenzjal qawwi tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej li tagħti kontribut għal ċirkolazzjoni bbilanċjata tal-imħuħ fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni?
3. Kif jistgħu l-fondi, il-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej jintużaw biex jiġu żviluppati u implimentati politiki li, konsegwentement, isaħħu ċirkolazzjoni bbilanċjata tal-imħuħ? Għandek xi eżempji nazzjonali ta' miżuri li timplimentaw?

²¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017. EUCO 19/1/17 REV 1

²² Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura. COM(2017) 673 final. Komunikazzjoni "Nibnu Ewropa aktar b'saħħitha: ir-rwol tal-politiki taż-żgħażaġħ, tal-edukazzjoni u tal-kultura". COM(2018) 268 final. Konklużjonijiet dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. ĠU C 195, 7.6.2018. Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż. ĠU C 444/1, 10.12.2018. Rakkomandazzjoni dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi. ĠU C 189/15, 5.6.2019. Riżoluzzjoni dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur. ĠU C 389/1, 18.11.2019